MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. MARSEANN FARRUGIA

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2013

Numru. 365/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Victor Aquilina)**

**vs.**

**Stephen Sammut**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Stephen Sammut ta’ 21 sena iben Carmelo u Gemma nee’ Pisani mwieled Pieta fid-19 ta’ Awissu 1985 u residenti Ta’ Canti Farmhouse, Dingli Road, Rabat, Id 419285 (M)

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, fid-9 ta’ Dicembru 2006 u matul is-sentejn ta’ qael din id-data

(a) kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din

ir-raza u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) ta' l-Artikolu 22 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Wara li rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni, u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Wara li semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, il-fedina penali aggornata tieghu hija wahda netta, illi l-prosekuzzjoni hadet zmien twil biex tinnotifika lill-imputat, tant li l-kawza kienet giet differita sine die u llum ghaddew sitt snin minn meta gie kommess ir-reat fid-9 ta' Dicembru 2006. Illi peress li ghadda dan iz-zmien kollu u l-fedina penali tal-imputat hija wahda nett, il-Qorti mhix ta' l-opinjoni li jkun indikat li fic-cirkostanzi l-imputat jitqieghed taht Ordni ta' Probation.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a), 22(1)(a) u 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet

ta’ Malta qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Ai termini ta’ l-Artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti spjegat bi kliem car u semplici lill-imputat il-portata ta’ din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------